# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 284/2015**

Il-Pulizija

(Spettur Louise Calleja)

Vs

omissis

u

**Pauline Pisani**

bint Maria Pisani, imwielda Pieta',  fid-9 ta' Novembru, 1985, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 558785(M)

Illum, 7 ta' marzu, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanta Pauline Pisani quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fit-8 ta' Settembru, 2007 u fil-granet ta' qabel, bil-hsieb li jezorcitaw flus jew xi haga ohra, jew li jaghmlu xi qliegh, jew bil-hsieb li jgieghlu lill-persuna ohra u cioe' lil Noel Galea, jesegwixxi, jiddistruggi, jqalleb jew jbiddel testament jew obligazzjoni bil-miktub, titolu jew garanzija, jew jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga, heddew li jaghmlu denunzja jew kwerela kontra, jew li jaghtu malafama lil dik il-persuna jew persuna ohra u permezz ta' dan it-theddid waslu fil-hsieb taghhom billi gwadanjaw elf u mitejn liri Maltin (Lm1200) li jammontaw ghal elfejn, seba' mija u hamsa u disghin euro (€2795).

**Lil Pauline Pisani wahedha akkuzata talli:**

Fit-8 ta' Settembru, 2007 u fil-granet ta' qabel, gewwa l-Marsa u f'dawn il-Gzejjer, f'post pubbliku jew post f'post espost ghall-pubbliku tlajjat jew ghamlet biex thajjar ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali.

Irrendiet ruhha recidiva b'sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-27 ta' Mejju, 2015 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 250, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 7(2) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lil Pauline Pisani hatja tal-ewwel imputazzjoni – pero' kif diga inghad il-gwadann taghhom kien ta' elfejn erba' mija u disa' u tmenin Euro u sbatax-il centezmu (€2489.17) - ekwivalenti ghal elf u tmienja u sittin Lira Maltija u sittin centezmu (Lm1,068.60) – tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet dedotti kontriha, u kkundannatha ghal perjodu ta' tlett (3) snin prigunerija effettiva.

In oltre, ai termini tal-Artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat liz-zewg imputati omissis u Pauline Pisani, *in solidum* bejniethom, ihallsu lill-kwerelant Noel Galea s-somma ta' elfejn erba' mija u disa' u tmenin Euro u sbatax-il centezmu (€2489.17) - ekwivalenti ghal elf u tmienja u sittin Lira Maltija u sittin centezmu (Lm1,068.60) – rapprezentanti l-gwadann illecitu li huma ghamlu ghad-dannu tal-istess Noel Galea.

Ghal finijiet ta’ protezzjoni tal-identita tal-vittma, il-Qorti ordnat d-divjet tal-pubblikazzjoni bi kwalunkwe mezz ta’ isem il-vittma.

Rat ir-rikors tal-appellanta Pauline Pisani pprezentat fil-1 ta’ Gunju, 2015 fejn talbet li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza fuq indikati tas-27 ta' Mejju 2015 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura billi tikkonferma l-htija tat-tieni u tielet akkuza, filwaqt li tirrevoka l-htija ta’ l-ewwel akkuza u tilliberah minnha u fin-nuqqas taght piena aktar ekwa u gusta.

Rat l-aggravji tal-appellanta Pauline Pisani u cioe':-

Illi l-Ewwel Qorti ma ghamiltx bir-rispett kollu apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirrizultaw mill-provi prodotti. Ghar-rigward l-ewwel akkuza, l-Ewwel Qorti kienet aktar preokkupata bl-identifikazzjoni ta’ l-appellanta milli jekk il-prosekuzzjoni pprovat l-elementi kollha tar-reat ta’ rikatt. Mill-fatti u evidenza prodotta mill-prosekuzzjoni t-talbiet ghal flus ta’ l-appellanta lil Noel Galea ma kienetx kombinata ma theddida jew kundizzjonijiet, bhal per ezempju li jekk ma jhallasx kienet se tirrapportah lill-pulizija ghaliex kienet taht l-eta'. It-talbiet ghal flus kienu marbutin ma’ problemi medici li l-appellanta setghet kellha jigifieri li kienet tqila u riedet taghmel abort u li kellha infezzjoni fl-buzzieqa ta’ l-urina. Il-prosekuzzjoni ma pprovatx lil hinn minn kul dubju ragonevoli li kien hemm xi kondizzjoni mal-fatt jekk Noel Galea ma jhallasx.

Illi mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni jidher car li l-appellanta ma gaghletx lil Noel Galea sabiex jiddistruggi, jqalleb jew jibiddel testment jew obbligazzjoni bil-miktub, titolu jew garanzija jew jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga. Jidher car li Noel Galea hallas lill-appellanta u l-ko-akkuzat, ghaliex beza minn vjolenza ta' Stephen Mifsud u minhabba li kien gie nformat li l-appellanta kienet tqila u riedet taghmel abort u li kellha infezzjoni. Il-prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-element li l-appellanta heddet lil Noel Galea ghaliex kienet se taghmel denunzja jew kwerela kontra jew li taghti malafama lill-istess Noel Galea. Dan l-element huwa totalment assenti. Kien il-parte civile li mar ghand missieru b'mod volontarju u kien biss frott ta' pressjoni ta' sitwazzjoni li kien partecipi fiha.

Illi b'hekk l-appellanta ma setghet qatt tkun hatja ta' din l-akkuza. Setghet tkun hatja ta' reati ohra, izda certament mhux l-ewwel akkuza.

Illi t-tieni aggravji jikkonsisti fil-piena li l-Ewwel Onorabbli Qorti tat lill-appellanta. It-terminu ta' tlett snin prigunerija hija ugwali ghal massimu tal-piena ta' l-ewwel akkuza, l-artikolu 250(2). L-appellanta ma taqbilx li Noel Galea kien ta Lm1068.60, izda kien ta Lm789.70. Skont il-provi tal-prosekuzzjoni fit-30 ta' Awissu, 2007, l-appellanta kienet talbet Lm500, izda l-appellanta kull ma kellu fuqu kien Lm186.35 u imbaghad marru l-ATM u ta Lm100. Fis-7 ta' Settmbru, 2007 Galea kien ta Lm112.35 fejn il-frabbrika fejn jahdem. Dak in-nhar filghaxija kien rega ta Lm250 u finalment missieru kien ta Lm150.

Illi bla pregudizzju ghas-suespost l-appellanta tirreleva li minn meta sar ir-reat sas-sentenza, li ghaddew kwazi tmien (8) snin, l-appellanta rriformat ruhha u hi mhix aktar dipendenti mid-droga u mhix aktar fil-hajja li kienet tghix li kienet tinkludi l-prostituzzjoni. Sabiex taghmel dan kienet telqet minn Malta u illum tghix Ghawdex u ghandha relazzjoni stabbli u trabbi zewgt itfal zghar hafna. L-Ewwel Onorabbli Qorti ma kellhiex l-opportunita sabiex tisma d-difiza ta' l-appellant ghaliex ma kienetx assistita ghal diversi seduti inkluzi dawn fl-istadju tad-difiza u riedet li l-Qorti tisma minghand social workers u dawn li jaghtuha l-appogg kif inbidlet minn lejl ghal nhar. Jekk tinghata sentenza ta' prigunerija ta' tlett snin ghal dak li ghamlet tmien snin ilu b'hekk finalment dawk li se jbaghtu se jkunu t-tfal taghha zghar.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezeament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti

setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni. F'dan il-kuntest wiehed jista' jara s-segwenti sentenzi:

Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi deciza fl-14 ta' Frar, 1989;

Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deciza fil-31 ta' Mejju, 1991;

Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deciza fit-12 ta' Mejju, 1994;

Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deciza fis-6 ta' Gunju, 1994;

Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deciza fit-28 ta' April, 1995;

Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deciza fit-3 ta' Novembru, 1995; u

Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef fit-18 ta' Marzu, 2010;

kollha appelli kriminali.

Illi maghmula din il-konsiderazzjoni wiehed ghandu biex ighaddi ghall-ezami ta' l-aggravji tar-rikorrenti u jaghmel analizi taghhom.

Illi din il-Qorti rat mill-gdid il-provi prodotti quddiem l-ewwel Qorti u hi tal-fehma li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament xieraq tal-fatti migjuba quddiemha. Ghalhekk, kwalunkwe kumment iehor minn din il-Qorti hu zejjed.

Illi ghal dak li tirrigwarda l-piena nflitta mill-ewwel Qorti jidher car li l-ewwel Qorti ma tatx kaz l-izvilupp fil-karattru tal-appellanta u il-fatt li llum l-appellanta qed trabbi familja u biddlet hajjitha kompletament. Jidher car li f'dan il-kaz terminu ta' prigunerija hu kontro-producenti.

Ghaldaqstant, tichad l-appell ta' Pauline Pisnai dwar il-meritu u tikkonferma s-sentenza appellata. Dwar il-piena thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok piena ta' tlett (3) snin prigunerija, tikkundanna lill-appellanta ghal piena ta' sentejn prigunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali u tordna li tali piena ma ssehh hlief jekk l-appellanta tikkkometti reat iehor li

ghalih hemm il-piena tal-prigunerija fi zmien erba' (4) snin mil-lum.  Minbarra dan, thassar u tirrevoka l-kundanna ghal refuzjoni tal-flus lill-parte civile